# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

| |
|---|
| **Għażla tas-Suġġett**: **Il-Bejgħ**<br><br>*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*<br>**Applikata: __x__**<br>**Akkademika**: ___<br>**Vokazzjonali:** ___ |
| **General introduction to the subject: Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**<br>L-għan tal-programm vokazzjonali tal-Bejgħ bl-Imnut huwa li jipprovdi lill-istudenti bl-għarfien relatat mal-operazzjonijiet bażiċi tal-bejgħ bl-imnut. Sa tmiem il-programm, l-istudenti huma mistennija li jkunu kisbu ħiliet suffiċjenti u għandhom ikunu jistgħu japplikaw l-għarfien u l-ħiliet f'ambjent ta' tagħlim. **Ħafna enfasi tinxteħet fuq xogħol prattiku f'xenarji reali tal-ħajja maħluqa fl-iskola.** |
| **Lista ta' temi studjati:**<br>Tema 1 – Appoġġ applikat fil-bejgħ bl-imnut<br>Tema 2 – Kummerċjalizzazzjoni prattika<br>Tema 3 – Retail front line |
| **Attivitajiet involuti fil-klassi:**<br>Attivitajiet fi grupp u xogħol individwali, diskussjonijiet u attivitajiet prattiċi. L-istudenti jiksbu ħiliet bażiċi fil-bejgħ bl-imnut flimkien mal-komunikazzjoni u l-kura tal-klijent. L-istudenti se jkollhom l-opportunità li jipprattikaw f'ambjenti ta' suq u ħwejjeġ, billi japplikaw prattiċi ta' ħażna u wiri ta' oġġetti. |
| **Xogħol assenjat għad-dar:**<br>2 kompiti kull sena, flimkien ma' proġetti ta' riċerka u xogħol ta' tħejjija u konsolidazzjoni. |
| **Assessjar mogħti:**<br>Matul it-tliet snin l-istudent jiġi assessjat kif ġej:<br>70% - assessjar kontinwu - bbażat fl-iskola<br>30% - test ikkontrollat<br><br>L-għarfien u l-fehim huma assessjati permezz ta' ħiliet differenti inklużi dawk prattiċi. Il-karta tal-eżami kkontrollat issettjata mill-MATSEC tinkludi xenarji tal-ħajja reali biex tassessja l-abilità tal-istudenti li japplikaw l-għarfien tagħhom dwar is-suġġett. |
| **Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**<br>*a. Kapaċità li taħdem bħala individwu jew fi grupp*<br>*b. Kapaċità li twettaq ir-riċerka u tagħmel ir-referenzi meħtieġa*<br>*ċ. Komunikazzjoni u ħidma f'tim*<br>*d. Abbiltà li torganizza u tagħmel il-post tax-xogħol attraenti*<br>*e. Kapaċità li tuża tagħmir xieraq għas-Saħħa u s-Sigurtà.*<br>*f. Abbiltà li tagħti u ssegwi direzzjonijiet* |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br>a. Prijoritizzazzjoni tal-ħiliet<br>b. Ħiliet organizzattivi<br>ċ. Livell bażiku fil-Matematika, fl-Ingliż u fil-Malti |

| |
|---|
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** |
| **Indirizz Elettroniku**: |